**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 17 ta' Novembru, 2016

Rikors Nru : 394/16 AL

AB
u
CD.

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew:

Illi huma zzewwgu fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hamsa (2005) fil-Knisja Parrokkjali ta' San Gorg, Hal Qormi liema zwieg huwa registrat fir-Registru Pubbliku, bin-numru wiehed sitta wiehed disgha tas-sena elfejn u hamsa (1619/2005) – certifikat taz-zwieg hawn anness u markat Dok 'A'.

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, it-tnejn minuri.

Illi r-rikorrenti sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Dorianne Arapa tal-wiehed u tletin (31) t'Awissu tas-

sena elfejn u hmisatx (2015), kopja awtentika tal-istess qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dok 'B'.

Illi minkejja li l-kuntratt ta' separazzjoni gie ffirmat tal-wiehed u tletin (31) t'Awissu tas-sena elfejn u hmisatx (2015), ghaddew aktar minn erba' (4) snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu hajja separata minn xulxin, u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.

Illi l-esponenti jiddikjaraw li ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

Illi l-esponenti jiddikjaraw ukoll li l-manteniment dovut għall-ulied tagħhom kif miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom huwa mhallas.

Illi għaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha stabbiliti mil-liġi biex jingħata d-divorzju.

Illi huma jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li ż-żwieġ tagħhom għandu jiġi maħlul.

Talbu sabiex din il-Qorti jogħġobha tawtorizza u tippronunzja d-divorzju ta' bejn AB u CB u tiddikjara ż-żwieġ tagħhom maħlul ai termini tal-Artikoli 66A *et seq* tal-Kodiċi Ċivili u kif ukoll tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk minn dina il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, u dan taħt kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Awissu, 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-31 ta' Awissu 2015, izda ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.